# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju, 2001

**Numru : 17**
**Citaz. Numru : 665/01/RCP**

**J.R. Enterprises Limited**

**vs**

**M.A. Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta konvenuta kienet xtrat u hadet in konsenja diversi oggetti, merkanzija, minghand is-socjeta attrici;

Illi s-socjeta konvenuta tinsab debitrici lejn is-socjeta attrici fis-somma ta' elf tmien mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM1,814.65) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta;

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas dana d-debitu s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu;

L-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tiddeciedi billi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167-170 tal-kapitolu 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf tmien mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM1,814.65) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta, bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Joseph Rapinett ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf tmien mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM1,814.65) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta, bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici, kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**3 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Lulju, 2001**